MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 193/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jesmond Micallef**
**John Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jesmond Micallef u John Micallef talli fl-14 ta' Mejju 2006 ghall-habta ta' 10.00 a.m. fis-Salvatur, limiti tar-Rabat, minghajr il-hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercitaw dritt li jippretendu li ghandhom dahlu gewwa r-razzett maghruf bhala Ta' Sebula li jinsab f'tas-Salvatur, limiti tar-Rabat, Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Gunju 2008, li permezz

taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Jesmond Micallef u John Micallef hatja tal-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront taghhom u kkundannathom ghal multa ta’ mitt (100) euro kull wiehed;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Jesmond Micallef u John Micallef pprezentat fl-24 ta’ Gunju 2008 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata peress illi (a) hemm diskrepanza f’isem ir-razzett bejn ic-citazzjoni u s-sentenza appellata; (b) minghajr pregudizzju, inkiser il-principju ta’ smigh xieraq; (c) minghajr pregudizzju ghall-premess, kien hemm ksur tal-principju li l-gustizzja mhux biss trid issir imma trid tidher li qieghda ssir; (4) minghajr pregudizzju ghall-premess, kien hemm skorretteza procedurali meta r-rikorsi tal-5 ta’ Gunju 2007 u tat-18 ta’ Lulju 2007 ma gewx decizi mill-ewwel Qorti. Alternattivament talbu li din il-Qorti tibdel is-sentenza appellata billi (1) tnehhi kull referenza li l-appellanti ma ghandhomx dritt li jidhlu fir-razzett maghruf bhala Tas-Salvatur; (2) tehles lill-appellanti mill-imputazzjoni dedotta; (3) tnehhi l-asserzjoni li l-pussess tar-razzett zgur kien f’idejn Charles Ciangura; (4) tahfrilhom il-kundanna ghall-hlas ta’ multa li mhijiex gustifikata; (5) kemm jekk is-sentenza appellata tigi annullata kif ukoll jekk ma tigix annullata, taghti dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhrilha gusti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-digriet tat-23 ta’ Marzu 2009 fejn din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u attirat l-attenzjoni tad-difensuri ghal xi nuqqasijiet li seta’ kien hemm fir-redazzjoni tar-rikors ta’ appell;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fir-rigward;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijet taghhom;

Ikkunsidrat:

Din l-kawza kienet differita ghas-sentenza dwar l-aggravji preliminari ta’ l-appellant. Izda meta din il-Qorti ezaminat *funditus* ir-rikors ta’ appell, sabet illi hemm xi nuqqasijiet li kellha tattira l-attenzjoni tal-partijiet ghalihom sabiex ikollhom l-opportunita` jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwarhom, u cioe` n-nuqqas li jigi osservat dak li jghid u jipprovdi l-artikolu 419 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li semghet u rat is-sottomissjonijiet taghhom, sejra tipprovdi kif gej.

L-artikolu 419 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi:

**“419(1): Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih, taht piena ta’ nullita` -**
**(a) il-fatti fil-qosor;**
**(b) ir-ragunijiet ta’ l-appell;**
**(c) it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.”**

Il-gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti hi fis-sens li dejjem giet dikjarata n-nullita` ta’ appell jekk il-vot tal-ligi fl-imsemmi artikolu ma jigix osservat skrupolozament. Jigifieri meta ma jkunx gie osservat xi wiehed jew aktar mill-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) ta’ l-imsemmi artikolu 419, dan igib bhala konsegwenza li r-rikors ta’ appell ikun null. U n-nullita` hija anki sollevabbli *ex officio* mill-Qorti, essendo dik id-disposizzjoni u dawk ir-rekwiziti ta’ ordni pubbliku.[1]

Issa, fil-kaz in ezami din il-Qorti osservat l-ewwelnett illi hemm parti mir-rikors (paragrafi 2 sa 6) li hu intestat “Il-Fatti fil-Qosor”. Il-paragrafu 2 jghid x’kienet l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti. Il-paragrafu 3 jghid kif inbidel il-Magistrat sedenti. Il-paragrafu 4 jindika d-data tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti u jirriproduci l-partikolaritajiet ta

[1] Ara, per ezempju, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Stephen Zammit**, 27 ta’ Novembru 2008; **Il-Pulizija v. Lewis Muscat**, 31 ta’ Awissu 2006 ; **Il-Pulizija v. Mario Camilleri**, 3 ta’ Dicembru 2001; **Il-Pulizija v. Joe Borg**, 21 ta’ Lulju 1995.

l-appellanti u l-imputazzjoni. Il-paragrafu 5 jiccita l-bran mis-sentenza appellata li tikkontjeni l-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti. Il-paragrafu 6 jiccita l-parti tas-sentenza li ddikjarat il-htija u mponiet il-piena. Isegwu mbaghad hames ragunijiet ta' l-appell segwiti minn disa' talbiet – erba' talbiet preliminari u hamsa fil-mertu.

Kif inhu risaput, din il-Qorti tipprova ssalva l-atti u ma tiddikjarax rikors ta' appell bhala null fejn dan ikun possibbli, imqar bi ftit tigbid entro l-limiti permessi mill-ligi, ghax ikun gie sodisfatt il-minimu ta' dak li hu rikjest ghall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 419 imsemmi – ara f'dan is-sens **Il-Pulizija v. Robert Spiteri et** App. Krim. 30/4/1990, **Il-Pulizija v. Joseph Tabone** App. Krim. 14/9/2007, u **Il-Pulizija v. George Galea** App. Krim. 15/2/2008.

Din is-sitwazzjoni hi simili ghal kaz iehor deciz fil-25 ta' Awissu 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmel Cauchi et** minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn il-fatti fil-qosor kienu limitati ghal semplici ripetizzjoni ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellanti f'dak il-kaz u fejn inghad ukoll biex ma gewx imputati l-appellanti. Fis-sentenza taghha l-Qorti qalet hekk :

**"Din il-Qorti, pero`, ma tistax iggebbed il-ligi b'tali mod li tispicca tmur kontriha u kontra kif l-istess ligi giet kostantement interpretata. Il-legislatur ikkommina n-nullita` fil-kaz ta' karenza tal-fatti fil-qosor, tar-ragunijiet ta' l-appell u tat-talba ghax dawn il-htigijiet huma <u>essenzjali</u> biex jiddelineaw il-konfini tad-dibattitu u jistradaw mill-ewwel fuq il-binarji korretti il-kawza fl-appell. Kif gie ritenut fis-sentenza *Il-Pulizija v. Robert Caligari Conti* App. Krim. 10/12/1996:**

***" 'Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-5 ta' Gunju 1996 fil-kawza fl-ismijiet*** *Il-Pulizija v. Nicholas Mallia*, ***bil-fatti fil-qosor wiehed jifhem il-fatti saljenti tal-kaz, esposti b'mod car izda konciz, u b'tali mod li kemm l-intimat kif ukoll il-Qorti jkunu jistghu <u>mal-ewwel</u> jaqbdu x'inhuma l-fatti kif allegati mill-istess appellant. Ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk***

***dawn il-fatti jkunu sparpaljati 'l hawn u 'l hinn b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwahom (ara** Il-Pulizija v. Emmanuel Bonnici **App. Krim. 5/10/1990) jew jekk ikunu maghguna mal-aggravji. Bhalma l-indikazzjoni ta' l-aggravji ma tistax issir b'semplici referenza ghall-fatti (**Il-Pulizija v. Arthur Gatt **App. Krim. 6/9/1982), hekk ukoll il-fatti jridu jkunu esposti indipendentement mill-aggravji, liema aggravji jistghu jkunu kemm fuq punti ta' fatt kif ukoll fuq punti ta' dritt, sostantiv jew procedurali.'***
**"(ara wkoll *Il-Pulizija v. Cornelius M. Scifo Diamantino* App. Krim. 5/3/1992 u *Il-Pulizija v. Joseph Said* App. Krim. 25/7/1994)."**

Is-sentenza msemmija fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Said** moghtija fil-25 ta' Lulju 1994 (Vol. LXXVIII.v.304) giet iccitata b'approvazzjoni minn din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha tat-13 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Angelo Muscat**. Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Said** intqal hekk:

**"Il-gurisprudenza ormai kopjuza dwar in-nullita` tar-rikors ta' l-appell minhabba karenza tar-rekwizit tal-fatti fil-qosor, ma hix gurisprudenza bbazata fuq formalizmu jew inflessibilita` procedurali, izda gurisprudenza bbazata fuq interpretazzjoni ragjonevoli tal-imsemmi dispost tal-ligi …. Il-principji stabbiliti … jinsabu rispekkjati f'sentenzi aktar recenti bhal, per ezempju, 'Il-Pulizija v. Lawrence Zammit u Paul Spiteri', 25 ta' Lulju 1986, 'Il-Pulizija v. Alfred Debono', 23 ta' April 1992 u 'Il-Pulizija v. Julian Bonello', 14 ta' Mejju 1992, ilkoll appelli kriminali, jistghu jigu riassunti fis-segwenti tliet propozizzjonijiet: (1) li r-rikors ghandu jkun fih espozizzjoni tal-fatti saljenti u essenzjali tal-kawza, esposti b'mod car u komplet, b'mod li l-kontroparti tkun tista' tifhem fuqhiex ghandha tiddefendi ruhha jew tittratta, u b'mod li din il-Qorti tkun tista' ssegwi sewwa l-isvolgiment tal-kaz u tillimita d-dibattitu ghal dak li hu bzonnjuz u tirrikjedi l-iskjarimenti mehtiega; (2) illi ghalhekk ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk il-fatti jkunu sparpaljati b'mod li wiehed irid joqghod**

**jistad ghalihom biex forsi jindividwahom; u (3) li certament mhux il-kompitu tal-Qorti li toqghod tipprova tispigola l-fatti mill-aggravji jew vice-versa.”**

Inoltre fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Vincent Fenech** deciz fis-17 ta’ Ottubru 1997, intqal li ghalkemm il-Qorti:

**“tfahhar kull sforz li jsir biex fl-atti gudizzjarji tigi kkoltivata l-prassi ta’ l-ekonomija tal-kliem, hu evidenti li tali ekonomija ma tistax tkun a skapitu tas-sens u l-iskop guridiku ta’ l-att in kwistjoni, cioe` ma tistax tkun ekonomija tali li ggib fix-xejn u tirrendi inoperattiv u bla sens dak l-att”.**

Il-Qorti taghmel referenza ghal gurisprudenza kopjuza li kollha tindika li fejn ikun hemm il-karenza tal-fatti fil-qosor, dan ghandu jwassal ghan-nullita` tar-rikors ta’ l-appell sija jekk dan ikun ta’ l-imputat u sija jekk ikun ta’ l-Avukat Generali – ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Anthony Gafa`**, 15 ta’ Gunju 2001, **Il-Pulizija v. Charles Mangion et**, 1 ta’ Ottubru 2003, **Il-Pulizija v. Herman McKay et**, 7 ta’ Jannar 2004, **Il-Pulizija v. Tarcisio Gatt**, 22 ta’ Jannar 2004, **Il-Pulizija v. Gaetano Bonnici**, 18 ta’ Marzu 2004, **Il-Pulizija v. Luke V. Gauci**, 25 ta’ Marzu 2004, **Il-Pulizija v. Paul Abela et**, 27 ta’ Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Emanuel Gauci**, 10 ta’ Gunju 2004, **Il-Pulizija v. Abdul Salam Tumy Al Forgni**, 22 ta’ Marzu 2005.

Fil-kaz in dizamina, ma jistax jinghad, minn dak li ntqal dwar il-paragrafi 2 sa 6 tar-rikors ta’ appell, li l-appellant espona l-fatti tal-kawza. Huwa espona semplicement l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u dak li ddecidiet l-ewwel Qorti, apparti dettalji ohra rrilevanti. Dan ma jitfax dawl dwar x’kien gara jew ma garax li ta lok ghal din il-kawza. Meta, kif wiehed jista’ josserva minn ezami superficjali ta’ l-atti, hawn si tratta ta’ kontestazzjoni shiha bejn l-appellanti u l-*parte civile* dwar min ghandu dritt ghar-razzett in kwistjoni (kontestazzjoni li tinsab anke l-mertu ta’ kawza quddiem il-Qrati Civili), pjanti u kuntratti esebiti quddiem l-ewwel Qorti u ritratti mehudin mill-espert tekniku nominat mill-ewwel Qorti, b’ebda tigbid ta’ l-immaginazzjoni jew tar-regoli ta’ l-ermenewtika legali ma

jista' jinghad li l-paragrafi taht it-titolu "Fatti fil-Qosor" fir-rikors ta' appell "[jitfghu] dawl dwar x'kien gara jew ma garax li ta lok ghal din il-kawza" (**Il-Pulizija v. Cornelius M. Scifo Diamantino** *supra*). Fil-fatt dawn il-paragrafi huma neqsin ghal kollox mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza. Ir-ragunijiet elaborati fil-bqija tar-rikors ta' appell ma jaghmlux tajjeb ghal dan in-nuqqas fatali fir-rikors ta' appell. Jigifieri meta r-rikorrent ittratta l-fatti fil-qosor u ma qal xejn dwar dak li ta lok ghall-kawza, gab fix-xejn u rrenda inoperattiv u bla sens l-istess rikors[2]. Hawn ghandna rikors li huwa null *ex lege* u tali nullita`, kif diga` nghad, hi materja ta' ordni pubbliku li sahansitra tista' tigi sollevata mill-Qorti *ex officio*.[3]

It-tieni nuqqas li osservat din il-Qorti hu fit-talbiet, ossia l-ahhar hames talbiet, ta' l-appellanti. Filwaqt illi fit-talbiet taghhom ta' natura preliminari jitolbu korrettement it-tahsir tas-sentenza appellata, fit-talbiet alternattivi huma jitolbu "it-tibdil" tas-sentenza appellata. Issa, dawn l-ahhar hames talbiet jirrigwardaw il-mertu tal-kaz, cioe` s-sejbien ta' htija u kundanna ghall-piena ta' multa. L-appellanti nstabu hatja ta' l-unika imputazzjoni dedotta kontra taghhom. Ghalhekk jekk jippretendu li ma kellhomx jinstabu hatja ta' dik l-imputazzjoni, huma kellhom jitolbu r-revoka jew tahsir tas-sentenza u mhux tibdil taghha f'dan ir-rigward.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Galea** deciz fit-30 ta' Gunju 1995, din il-Qorti diversament presjeduta dahlet *funditus* fil-kwistjoni tan-nullita` tar-rikors ta' appell u waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet:

**"(a) Bhala regola generali, id-disposizzjoni in ezami, cioe` li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza, giet 'very strictly and rigidly interpreted' (The Police v. John Hill, Criminal Appeal, 23/9/72).**

[2] Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Vincent Fenech**, 17 ta' Ottubru 1997.
[3] Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Norman Lowell**, 15 ta' Ottubru 2008 ; **Il-Pulizija v. Carmel Cauchi et**, 25 ta' Awissu 2008.

**(b) Ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil, fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-tahsir kif ukoll talba ghat-tibdil, purche` li din it-tieni talba tkun subordinata ghall-ewwel wahda. Infatti, anke jekk intalab biss it-tahsir, din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella – tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-tahsir, ir-rikors ikun null (P. v. Anthony Zammit, 1/10/60, Vol. XLIV.iv.940; P. v. Richard Vincenti Kind, App. Krim., 16/9/72); P. v. Carmelo Agius, App. Krim., 14/10/72).**

**(c) Ir-*raison d'etre* tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza. Il-legislatur evidentement ried li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob."**

Il-mod kif gew impostati t-talbiet difficilment hu rikonciljabbli ma' dak li trid il-ligi u kif ampjament spjegat fil-bran appena riportat u kif rizultanti minn gurisprudenza kostanti.

Ghalhekk ir-rikors jippekka kemm kontra l-paragrafu (a) kif ukoll kontra l-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 419 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dawn in-nuqqasijiet igibu n-nullita` tar-rikors ta' appell.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara l-appell null u tastjeni milli tiehu konjizzjon ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------